# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta’ nhar il-Ħamis 10 ta’ April 2025

**Numru 4**

**Rikors Numru 7/2021TA**

**David Jonathan Spiteri (K.I. 34589M), Justin Borg (K.I. 181980M), Steve Cauchi (K.I. 420288M), George Debono (K.I. 488872M), Adrian Galdes (K.I. 171079M), Etienne Gatt (K.I. 0091376M), Lilkin Borg (K.I. 135091M)**

**vs**

**(1) Malta Dockers Union (RTU 287)**

**(2) Il-Ministru responsabbli għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali**

**(3) L-Avukat tal-Istat**

**u b’digriet tad-19 ta’ Jannar 2023 l-awtorita tat-trasport ġiet kjamata fil-kawża**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ David Jonathan Spiteri, Justin Borg, Steve Cauchi, George Debono, Adrian Galdes, Etienne Gatt u Lilkin Borg (l-

Atturi) tas-7 ta' Jannar 2021 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

**(1)** Illi r-rikorrenti kienu iffirmaw kuntratt ta' servizz mal-intimata Malta Dockers Union sabiex jagħmlu xogħol ghall-intimata ġewwa l-Malta Freeport Terminals Limited bħala "*Auxiliary Port Worker*". Ix-xogħol kien jinkludi prinċiparjament servizzi ta' xufier lil Malta Freeport Terminals Limited skont l-esiġenzi tal-istess fil-ħatt u tgħabija mill-vapuri u skont l-esiġenzi tal-intimata Malta Dockers Union;

**(2)** Illi l-esponenti rikorrenti kollha kellhom kuntratt identiku ta' xogħol u dan kif ser jiġi ikkonfermat mir-rikorrenti waqt is-smiegħ tal-kawża;

**(3)** Illi minkejja li dan il-kuntratt kien msejjah *kuntratt ta' servizz* u prima facie jidher li l-esponenti rikorrenti kienu qiegħdin jiġu ingaġġati bhala *self-employed*, tali kuntratt kien evidentement jaqa' taħt il-parametri/kriterji elenkati fil-Legislazzjoni Sussidarja 452.108 u għalhekk kien jaqa' fil-parametri ta' kuntratt ta' impjieg taht il-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta;

**(4)** Illi minkejja li huma kwalifikati sabiex jagħmlu x-xogħol kollu tal-Port ai termini tal-Art.15B tal-Port Workers Regulations 1993 permezz ta' kors appozitu tal-MCAST, ir-rikorrenti kienu meqjusa bħala *second class* kemm fl-assenjazzjoni tax-xogħolijiet kif ukoll fil-kondizzjonijiet tax-xogħol meta kkomparati mal-ħaddiema impjegati mal-intimata Malta Dockers' Union;

**(5)** Illi ġara li fis-sena elfejn u sbatax (2017) l-intimata Malta Dockers' Union impjegat ħaddiema ġodda magħha u/jew ingaġġat persuni sabiex jagħmlu xoghol ġewwa l-Malta Freeport Terminals Limited b'kundizzjonijiet aħjar minn dawk li kienu offruti lir-rikorrenti. Di fatti kif ser jiġi ppruvat waqt il-kors tal-kawża, dan kien wassal għal ksur tad-drittijiet u prinċipji ta' "Equal pay for equal work";

**(6)** Uħud minn dawn l-impjegati/*service providers* ġodda huma familjari tal-istess ufficjali tal-Intimata Malta Dockers' Union u ġew ingaġġati sabiex jibbenefikaw mid-dispozizzjonijiet tal-Avviz Legali 135 tal-2017 li għaddha fil-5 ta' Mejju, 2017 li biha treġġaw lura uħud mir-riformi fix-xogħol tal-Port li saru fl-2007, fosthom *"id-dritt ta' ħaddiema tal-port li qabel l-10 ta' Ġunju, 1975 kellhom liċenza biex jaħdmu fis-sezzjoni tal-istivaturi ta' merkanzija ġenerali jew fis-sezzjoni tal-lightermen jew fis-sezzjoni tal-port labourers u dawk li kienu hekk liċenzjati fit-23ta' Ottubru, 1992, jew fil-perijodu bejn Ottubru tal-2004 u Ottubru tal-*

*2017 għandhom jiġu sostitwiti minn iben jew bint bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, sakemm din l-eliġibilità ma tkunx diġà ġiet eżawrit";*

**(7)** Illi meta daħal fis-seħħ l-Avviż Legali hawn fuq imsemmi, allura mhux biss kien hemm ksur lampanti tal-prinċipju tal-Equal Pay for Equal Work, imma l-intimati reġġaw lura għaż-żmien ta' qabel ir-riforma tal-2007 fejn Malta kienet qed tikser il-Konvenzjoni Ewropeja, dwar id-diskriminazzjoni fost oħrajn;

**(8)** Illi l-intimata Malta Dockers' Union wżat l-Avviz Legali supra-ċitat sabiex fattwalment tirrintroduċi l-wirt ta' liċenza u dan sabiex ġew aġevolati l-impjegati tal-intimata Malta Dockers' Union, specifikament familjari ta' l-istess ufficjali u membri ta' l-istess Union;

**(9)** Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati b'tali trattament mill-intimati għaliex l-Avviż Legali supra-ċitat kompla jiddiskrimina kontra r-rikorrenti u jikser id-dritt komunitarju u ġie introdott mill-intimati sabiex jiġu aġevolati ċertu ħaddiema a skapitu tar-rikorrenti,

**(10)** Illi r-rikorrrenti tant ħassewhom aggravati b'tali inġustizzji r-rikorrenti, illi wieħed wieħed ma kellhomx triq għajr li jirriżenjaw u jitilqu mill-post tax-xogħol għaliex bl-aġir tagħha l-intimata ikkawżat dannu u inġustizzji lir-rikorrenti;

Għaldaqstant, tgħid l-konvenuta, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li d-dħul tal-Avviż Legali 135 tal-2017 effettivament imur kontra d-dritt komuntarju u li għalhekk iledi d-drittijiet tar-rikorrenti;

2. Tiddikjara li wara l-introduzzjoni tal-Avviż Legali 135 tal-2017 ir-rikorrenti sofrew danni inġenti li għalihom l-intimati huma kollha responsabbli;

3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-ntimati, jew min minnhom jħallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata in linja ta' danni;

Bl-ispejjez u bl-imghax dekorribli skont il-ligi kontra l-intimata li r-rapprezantanti u/jew ufficjali taghha huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramenatata tal-Ministru responsabbli għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u L-Avukat tal-Istat (l-intimat Ministru u l-intimat Avukat rispettivament) tas-26 ta' Frar 2021 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, minn eżami tar-rikors ġuramentat jidher biċ-ċar li l-Avukat tal-Istat mhux il-leġittimu kuntradittur f'din il-kawża għaliex huwa ma jiffigura mkien fit-tħaddim tal-liġijiet li qed jilmenta minnhom ir-rikorrent. Essenzjalment, hija l-Awtorità għat-Trasport f'Malta nkarigata mit-tħaddim ta' tali liġijiet u għalhekk, skont l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat tal-Istat għandu jiġi lliberat minn dawn il-proċeduri;

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, peress li l-Avviż Legali li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti u ċjoe r-Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port, saru mill-Ministru intimat **b'konsultazzjoni mal-Awtorita' għat-Trasport** f'Malta, allura l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta għandha tiġi msejħa f'dawn il-proċeduri;

3. Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, dan mhux il-*forum* adattat sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jattakkaw l-Avviż Legali msemmi minnhom, u għalhekk din l-azzjoni kontra l-Avukat tal-Istat ma tistax tissussisti stante li hija mproponibbli;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bil-qawwa għaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi muri aħjar fil-mori tal-kawża;

5. Illi l-esponenti mhumiex edotti bil-fatti ta' dan il-każ;

6. Illi l-esponenti jirribattu bil-qawwa li dan l-Avviż Legali ġie ntrodott sabiex jaġevola ċerti persuni a skapitu tar-rikorrenti. Fil-fatt, l-esponenti ma jaraw li hemm l-ebda sura ta' diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti għaliex

huma ma ngħatawx xi trattament differenti minn dak li ngħata lill-ulied ta' ħaddiema oħra li kienu jinsabu fl-istess qagħda legali bħal tagħhom. Kemm hu hekk, qabel daħal l-Avviż Legali 135 tas-sena 2017, il-ħaddiema tal-port kollha u mingħajr ebda distinzjoni, ġew trattati ugwalment u għaldaqstant ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni. Kienet tkun storja oħra li kieku mhux il-ħaddiema tal-port kollha ma kienu ttrattati l-istess qabel ma daħal fis-seħħ l-imsemmi Avviż Legali tal-2017. Iżda dan assolutament ma kienx il-każ;

7. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ***Amato Gauci vs. Malta*** deċiż fil-15 ta' Diċembru 2012 għallmet li: "...*no discrimination is disclosed by a particular date being chosen for the commencement of a new legislative regime… The use of a cut-off date creating a difference in treatment is an inevitable consequence of introducing new systems which replace previous and outdated schemes. Moreover, the choice of such a cut-off date when introducing new regimes falls within the wide margin of appreciation afforded to a State when reforming its policies (see, mutatis mutandis,* ***Twizell v. the United Kingdom****, no. 25379/02, § 24, 20 May 2008)";*

8. Illi kwindi r-rikorrenti ma sofrew l-ebda danni u minn dan isegwi li l-esponenti m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsuhom l-ebda danni, imgħax u spejjeż;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

GĦALDAQSTANT, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad bil-qawwa kollha t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Malta Dockers Union (l-Union konvenuta) tas-17 ta' Marzu 2021 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-atturi jridu jispeċifikaw x-xorta u n-natura tal-azzjoni odjerna, partikolarment taħt liem disposizzjoni tal-liġi hi ntavolata, wara liema dikjarazzjoni l-esponenti minn issa stess tirriserva li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri, partikolarment dwar il-ġurisdizzjoni/kompetenza tal-Qorti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni sueċċepita, l-Union esponenti m'hijiex il-leġittima kontradittriċi għat-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari suesposti, u fir-rigward tal-mertu, jiġi eċċepit kif ir-rikorrenti qatt u fl-ebda mument ma kienu impjegati tal-Union esponenti;

4. Illi f'dan ir-rigward, il-premessi numru 4 sa 9 huma kompletemant infondati stante li r-rikorrenti m'humiex ħaddiema tax-xatt iżda huma ħaddiema awżiljarji tal-port kif jindikaw ir-rikorrenti stess fir-rikors ġuramentat tagħhom;

5. Illi in kwantu dak li ingħad fil-premessa numru 10, l-Union esponenti tirrileva kif fl-ebda mument ma r-rikorrenti 'irriżenjaw u telqu minn fuq il-post tax-xogħol' iżda a contrario għażlu li volontarjament u unilateralment jitterminaw il-kuntratt ta' servizz li kull wieħed fosthom liberalment ikkuntratta;

6. Illi in ogni każ, u b'mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Union esponenti ma aġġixxiet bl-ebda mod li setgħet tikkaġuna xi dannu lir-rikorrenti u di fatti ma kkaġunatilhom ebda dannu;

7. Illi għal dawn ir-raġunijiet, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Union esponenti li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri ġialadarba tiġi ċċarata n-natura tal-azzjoni odjerna, l-pretensjonijiet u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontrihom.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamata in kawża l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta (il-konvenuta Awtorita') tat-3 ta' April 2023 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi, in kwantu r-Rikors Ġuramentat promotur huwa inkanalat fuq il-bażi li, skond ir-rikorrenti, l-Avviz Legali 135 tal-2017 huwa leżiv tad-drittijiet tagħhom, din l-Onorabbli Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tisma' u tiddeċiedi din il-kawża stante illi tali lanjanza hija waħda ta' indoli kostituzzjonali u għalhekk il-kompetenza biex tiddeċiedi l-ewwel talba

tar-rikorrenti (it-talbiet l-oħra jsegwu minnha) hija ta' din l-Onorabbli Qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha u mhux fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha.

2. Illi wkoll, fir-Rikors Ġuramentat promotur ir-rikorrenti ddikjaraw illi l-kuntratt li għandhom ir-rikorrenti mal-intimata l-oħra Malta Dockers' Union, għalkemm intestat bħala kuntratt ta' servizz effettivament huwa wiehed ta' impjieg, u jilmentaw ulterjorment illi sofrew ksur tal-prinċipju *equal pay for equal rights,* u għalhekk dawn il-kwistjonijiet huma soġġetti għall-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali u mhux ta' qorti ta' kompetenza ordinarja u dan a tenur tal-artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi wkoll, stante illi r-rikorrenti qegħdin jattakkaw l-Avviż Legali 135 tal-2017, l-Awtorita' rispondenti mhijiex il-leġittimu kontradittur stante illi l-Awtorita rispondenti hija r-Regolatur u mhux il-Leġiżlatur u ma kinitx l-Awtorita' rispondenti li ppromulgat l-Avviż Legali tal-135 tal-2017 li qed tiġi attakkata mir-rikorrenti b'din il-liġi.

4. Illi, sussdjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' rispondenti ma kisret ebda drittijiet tar-rikorrenti, ma vvjolat ebda drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u ma kisret ebda drittijiet kommunitarji u ma wettqet ebda trattament diskriminatorju kontra r-rikorrenti, u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu dedotti fil-konfront tal-Awtorita' rispondenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

5. Illi wkoll l-Awtorita' rispondenti m'għandha ebda relazzjoni kuntrattwali u/jew ġuridika mar-rikorrenti u għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħux ifittxu lill-Awtorita' rispondenti għal xi danni kuntrattwali; oltre dan, l-Awtorita' rispondenti ma wettqet ebda att illi jista' jagħtu lok biex ir-rikorrenti ifittxuha għal xi danni akwiljani, u għalhekk fir-realta' m'hemm l-ebda tip ta' danni illi r-rikorrenti jistgħu jirreklamaw fil-konfront tal-Awtorita' rispondenti, u dan ikompli jirrafforza l-argument illi t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu dedotti fil-konfront tal-Awtorita' rispondenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

6. Illi ghal dawn il-motivi kollha t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu dedotti fil-konfront tal-Awtorita' rispondenti jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda kollha.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

L-Atturi ffirmaw ftehim mal-Union Konvenuta biex jagħmlu xogħol ġewwa l-Malta Freeport Terminal bħala ħaddiema awżiljari fil-port (Auxiliary Port Workers). Huma jgħidu li prinċipalment dan kien jikkonsisti fl-għotja ta' servizzi bħala xufiera skond il-ħtieġa ta' xogħol ta' ħatt u tagħbija li jkun hemm.

L-impjieg tagħhom ġie deskritt bħala self employed u jidher, mill-uniku kuntratt esebit, li l-ħlas ta' kontribuzzjoni tas-sigurta' nazzjonali kien a' karigu tagħhom u hekk ukoll ċertu konduzzjonijiet ta' *vacation leave* u vaganzi li ordinarjament huma assoċjati ma' kuntratti ta' daturi ta' xogħol u mhux impjegat ordinarju.

Kull wieħed minnhom għamel kors l-MCAST, hekk kif tirrikjedi l-liġi bit-tama li jsiru *port workers* liċenzjati. Pero', minkejja dan, huma jsostnu li waqt ix-xogħol, kienu jkunu trattati b'mod differenzjali minn dawk li kienu liċenzjati, kemm fil-ħlas u anke fil-kundizzjonijiet. Għalhekk, huma jsostnu li għalkemm bħala awziljari kienu suppost jagħmlu xogħol ta' sewqan, kienu pero jagħmlu xogħol ieħor bħal dawk liċenzjati iżda s-salarju u l-kondizzjonijiet ma kinux l-istess.

Huma jilmentaw, li meta ġie fis-seħħ l-Avviż legali 135 tal-2017, li bis-saħħa tiegħu reġa' ġie introdott id-dritt tal-wirt ta' dawk li huma liċenzjati f'każ li jirtiraw jew imutu, huma ġew preġudikati. Dan sar, bi ksur tal-liġijiet kommunitarji fil-kuntest tal-ħelsien ta' servizzi u di fatti l-kummissjoni ħarġet

infrinġiment dwar dan u saħansitra *reasoned opinion* kontra Malta. Huma jgħidu, li dan l-Avviż Legali jiffavorixxi lil ċertu ħaddiema a' skapitu tagħhom.

Il-konsegwenza kienet li kellhom jirriżenjaw għaliex l-għemil tal-Union konvenuta ma ħallitilhomx triq oħra u għalhekk irrekatilhom id-danni.

**Punti ta' Liġi**

*L-eċċezzjonijiet*

L-ewwel ma jridu jkunu epurati huma l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.

L-Atturi ma humiex jattakkaw artikolu partikolari tal-liġi, iżda addirittura Avviż Legali fl-interita' tiegħu li jġib in-numru 135 tal-2017. Il-Qorti tistqarr li l-azzjoni kif proposta mill-Atturi hija pjuttost insolita, għaliex huma qegħdin jinvokaw l-inkompattabilita' ta' liġi lokali ma' dik kommunitarja.

Issa artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabilixxi kontra min għandhom ikunu indirizzati atti kontra l-Gvern. F'dan il-każ il-Qorti ma hiex tal-fehma li att bħal dan għandu jkun dirett lejn il-Ministru. Skond din il-Qorti ġalabarba qed ikun attakkat avviż legali in toto, hi x'inhi r-raġuni wara dan l-attakk, huwa l-konvenut Avukat li għandu jwieġeb għaliex huwa dan li "*jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern".*

Kif jgħallmu dawn il-Qrati, il-Ministru mhuwiex kap ta' dipartiment tal-gvern u għalhekk, bi tħaris tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12

tal-Liġijiet ta' Malta, ma jistax jingħad li l-Ministru kellu jitħarrek biex iwieġeb għall-ilment tal-appellanti (Ara **Sentenza tal-25 ta' Ottubru, 2023 fl-ismijiet Sarah Engener v. L-Onorabbli Ministru tal-Ġustizzja et Qorti tal-Appell**)

Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-konvenut Ministru ser ikun illiberat mill-osservanza tal-Ġudizzju pero; mhux hekk l-Avukat tal-Istat.

Il-Kjamat in kawża ukoll tissolleva li fl-ewwel lok din il-Qorti ma hiex kompetenti, għaliex hija lanjanza ta' natura kostituzzjonali u ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi din il-Kawża u fit-tieni lok għaliex, il-materja taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali skond dak li jiddisponi l-artikolu 75 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ser tibda minn tal-aħħar. L-artikolu 75 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

"*Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –*

*(a) il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċijainġusta;*

*(b) it-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġudovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntrattta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-data ta' tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u*

*(ċ) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:Kap.*

*Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem li tolqot id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar uffiċjali pubbliċi jew ma għandha tolqot it-tħaddim tal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port jew tal-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku; u f'dan l-artikolu l-espressjoni "ħaddiem" ma tinkludix uffiċjali pubbliċi jew xi persuna li għaliha japplikaw l-imsemmija Ordinanza jew Att.*" (Emfażi tal-Qorti).

Dawn il-Qrati jgħallmu li "*Il-gurisdizzjoni eskluziva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta b'deroga għall gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Għalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet ta` l Kap.452 ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesgħa biex jinkludu setgħat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi għax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setgħat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s setgħat li għandu huma dawk espressament indikati fil-ligi li stabbiliet il-parametri tal-operat tiegħu".* (Ara **Digriet tat-8 ta' Novembru, 2012 fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` Mandat ta`**

**Inibizzjoni fl-ismijiet: Malta Union of Bank Employees -vs- HSBC Bank Malta p.l.c**.).

Dan ifisser li din il-parti tal-Liġi trid tinqara u tkun applikata b'mod kawt u restrittiv għaliex bħala regola huma l-Qrati ordinarji li għandhom il-poter residwali li jiddeċiedu vertenza ta' kull xorta u ma rridux ninsew, li dawn huma krejaturi Kostituzzjonali. Issa minn qari mill-qrib tal-artikolu 75 fuq imsemmi din il-Qorti ma tistax tara b'liema tiġbid tal-immaġinazzjoni tista' tgħid, li l-Awtorita' konvenuta għandha raġun. Mhux hekk biss, imma li dan l-artikolu jeskludi għal kollox il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal fuq kwistjonijiet li jemerġu taħt il-Kap 171 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk din il-parti tal-eċċezzjoni ser tkun miċħuda.

Kwantu għall-parti l-oħra, li t-talbiet huma ta' natura kostituzzjonali, il-Qorti tirrileva li huwa minnu li fir-rikors promotur l-Atturi qed jallegaw diskriminazzjoni. Pero' kif impostat l-ilment tagħhom, il-Qorti tilmaħ li x-xorta ta' diskriminazzjoni li qed jilmentaw minnha ma hiex waħda Kostituzzjonali iżda dik taħt artikolu 26 tal-Kap 452. Kwantu għat-talba li l-avviż imur kontra d-dritt kommunitarju, il-Qorti ma tarax din il-kwistjoni bħala waħda li ma taqax fil-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati, pero; kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel, fil-kuntest ta' dan l-argument, titfaċċa l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ewropeja tal-Ġustizzja.

Għalhekk dawn l-eċċezzjonijiet ser ikun miċħuda.

*Il-Mertu*

Jibda biex jingħad li minkejja d-diversi punti ta' liġi li jissemmew fir-rikors tal-Atturi, il-Qorti hija marbuta li tiddeċiedi fil-qafas tat-talbiet.

*L-ewwel talba*

Fir-rigward ta' talbiet bħal dawn ingħad li "*Community obligations ma arise both directly the from EU Treaty and also from regulations, directives and decsions issued by the EU Council and the Commission. Treaty provisions and regulations may have direct effect and may confer rights enfoeceable in National Courts*" (Ara **Wade and Forsythe, Administartive Law, 8th Ed, pg 732**). Il-kwistjoni tiddependi kemm mill-prinċipju tas-Supremazija tal-Liġijiet komunitarji fuq dawk domestiċi u mill-mod kif l-istat Membru jkun introduċa l-Korpus kollu ta' liġijiet naxxenti mit-Trattat tal-Greċja u l-implimentazzjoni tal-obbligi assunti mill-Istat konċernat fil-każ ta' ksur tagħhom.

F'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li għandha jdejha marbutin bit-talbiet Attriċi kif dedotti. Il-Qorti tfakkar li ma tista' tmur *ultra* jew *extra petita* u lanqas ma tista' tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha ma' dik ta' min jippromovi l-azzjoni (ara **Sentenza fl-ismijiet Joseph Portelli et -vs- Dr. Anton Refalo, App Ċiv tat-22 ta' Frar 2013** u kif ukoll **fl-ismijiet Antonio Carmagna -vs- Lennart Attard et, PA, tal-15 ta' Lulju 2013**).

Issa l-Qorti tara li qed tintalab tiddikjara, li l-Avviż Legali 135 tal-2017 imur kontra d-dritt kommunitarju u għalhekk jilledi d-drittijiet tal-Atturi. Issa artikolu 5 tal-Kap 460 tal-liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li "*Għall-finijiet ta' kull proċediment quddiem xi qorti jew awtorità ġudikanti oħra, kull kwistjoni dwar it-tifsir jew l-effett tat-Trattat, jew dwar il-validità, tifsir jew effett ta' xi istrumenti li joħorġu minnu jew taħtu, għandha tiġi ttrattata bħala punt ta' dritt u jekk ma tkunx riferita lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, tkun għad-deċiżjoni bħala tali skont il-prinċipji stabbiliti minn, u kull deċiżjoni rilevanti ta', il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej jew ta' kull qorti marbuta magħha*"

Huwa minnu li fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, il-Kummissjoni Ewropeja diġa' tat l-opinjoni tagħha dwar il-lanjanza tal-Atturi f'dan ir-rigward. Fir-*reasoned opinion* tagħha fl-aħħar parti qalet hekk:

"*Therefore the Commission has decided to issue a reasined opinion to Malta, which now has two months to respond and take the necessary measures. Otherwise, the Commission may decide to refer the case to the Court Of Justice of the European Union".* (a' fol 135 emfażi tal-Qorti).

Għalhekk huwa ċar, li la darba ma saret ebda referenza lill-Qorti imsemmija, allura hija prerogattiva ta' dik il-Qorti li tiddeċiedi l-kwistjoni f'din il-proċedura. Fil-fatt, il-Kummissjoni għamlitha ċara, li jista' jkun li ser tirreferi din il-kwistjoni lil dik il-Qorti u mhux lil din. Di piu', tajjeb li jingħad, li kuntrarjament għal dak li jiddisponi l-artiklu 6 tal-Kostituzzjoni dwar liġijiet li huma inkompatibbli magħha, il-Kap 460 jipprovdi biss għan-non-

eżekutabilita' tal-liġi lokali li tkun f'konflitt mal-liġijiet kommunitarji u mhux li jitqiesu nulli.

Dan ifisser, li minħabba l-artikolu 5 tal-Kap 460 tal-liġijiet ta' Malta, li kieku din il-Qorti tilqa' l-ewwel talba, tkun qed tużurpa l-poteri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja u mhux hekk biss, imma tkun qegħda wkoll tikser l-obbligi ta' Malta kif jemerġu mit-Trattat tal-Greċja. Di fatti f'din il-liġi jingħad li "*kull dispożizzjoni ta' liġi li mid-data msemmija tkun inkompatibbli mal-obbligazzjonijiet ta' Malta taħt it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt mogħti lil xi persuna bit-Trattat jew taħtu għandha, safejn dik il-liġi tkun inkompatibbli ma' dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet, tkun bla effett u ma tkunx tista' tiġi infurzata".*

*<u>It-tieni talba</u>*

Bit-tieni talba l-Atturi qed isostnu li bl-avviż Legali 135 tal-2017 huma sofrew danni. B'dan il-mod l-Atturi qegħdin jasserixxu li huma kellhom dritt għal xi ħaġa u minħabba dan l-Avviż legali, tilfuha. Di fatti l-Atturi kollha jagħmlu referenza għal dak li kien jgħidlihom Joe Saliba li kien il-President tal-Union Konvenuta.

F'dan ir-rigward l-Attur Steve Cauchi jgħid li Joe Saliba kien jgħidlihom li huma kien imisshom biex isiru liċenzjati peress li kien hemm ħafna anzjani kienu ser jispiċċaw (ara a' fol 44 u xhieda ta' Lilkin Borg li jikkonferma dan a' fol 46 u a' fol 49 xhieda ta' George Debono u kif ukoll xhieda ta' Etienne Gatt a' fol 99). Di fatti anke George Debono in kontro eżami jgħid li d-dannu

li qiegħed isofri għaliex ried isir ħaddiem liċenzjat (a' fol 160 tergo). Għalhekk b'dak li kien qalilhom Joe Saliba, illum mejjet, kienu ingħataw x'jifhmu li qua awżiljari kienu intitolati li jsiru liċenzjati meta jkun hemm xi liċenzjat li jirtira.

Għalhekk l-ewwel ma għandu jkun stabbilit huwa, jekk bħala fatt, li kieku ma kienx hemm l-avviż legali inkwistjoni, kinux ikunu eliġibbli jew intitolati li jkunu kkunsidrati biex isiru port workers liċenzjati. Għalkemm il-Qorti tifhem, li kull Attur kellu kuntratt, għal xi raġuni ġie esebit wieħed biss, dak tal-Attur George Debono. Minn dan il-kuntratt jemerġi ċar li s-servizz li kellu jippresenta dan l-Attur kien bħala xufier (a' fol 51).

Dan l-Attur jilmenta bħall-oħrajn, li l-awżiljari kienu trattati differenti mill-Port Workers. Biex din il-Qorti tissintettizza dak li qalu l-Atturi, apparti li kienu mħallsin ferm inqas mill-Liċenzjati, fejn jidħol *leave, overtime* u *extra duties* kien ikollhom ilaqtu l-qiegħ tal-borma. L-ewwel il-liċenzjati, imbagħad huma. Dan ifisser, li l-Atturi qed jippretendu li huma għandhom ikunu stmati daqs il-liċenzjati daqs li kieku kienu fil-posizzjoni.

Biex wieħed jasal għar-risposta rridu naraw x'kien ix-xogħol tal-Atturi u x'kien dak tal-Liċenzjati għaliex wara kollox huma stess qed jinvokaw il-prinċipju ta' "*equal pay for equal value of work".* Ingħad li "*Like work*", ifisser "*that the work must be the same or boardly similar, and any differences between the work done are not of practical importance"* (Ara **Selwyn "Law of Employment", 15th Edition, 2008 para. 5.13**). "*If there are any differences between the work done, the tribunals must ask if these are such*

*that it is reasonable to expect to see them reflected in different wage settlements*" (para. 5.14).

Huwa minnu, li ħafna mill-Atturi jgħidu li huma kien jagħmlu l-istess xogħol ta' dawk liċenzjati, b'dana kollu meta l-Attur George Debono xehed in kontro eżami dan wieġeb li hu kien jagħmel biss xogħol ta' *tag master driver* u xejn iżjed (a' fol 160). Martin Azzopardi jispjega, li l-ħaddiema tax-xatt jagħmlu xogħol ta' lashing, ta' ċappa, u sewqan tat-trakk. Il-ħaddiema awżiljari min-naħa l-oħra sewqan tat-trakk (a' fol 169 tergo).

Biex nifhmu, ikun aħjar li nħarsu lejn il-liġi applikabbli. Din il-Qorti tistqarr li l-liġi hija waħda vittorjana u li fil-fehma tagħha ma tirriflettix ir-rejaltijiet tal-lum. Pero' tajjeb jew ħażin, il-liġi hi li hi u *dura lex sed lex*. Huwa paċifiku, li l-liġijiet prinċipali applikabbli huma, il-Kap 171 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Liġi Sussidjarja 171.02. Anke l-Union konvenuta tafferma dan, tant li Ryan Fava, President tal-Malta Dockers Union, kemm -il darba jgħid li l-ħaddiema liċenzjati tax-xatt huma regolati mill-Kap 171 tal-Liġijiet ta' Malta u dik sussidjarja 171.02. (a' fol 143 tergo u fol 166).

Skond dan ix-xhud il-ħaddiema awżiljari jsuqu l-vetturi biss mentri dawk liċenzjati jħottu, jċaqalqu l-merkanzija, lashing etc (a' fol 144 u 145 tergo). Sakemm kienu għadhom jagħtu servizz, l-atturi kienu membri tal-Union konvenuta pero' dan ma jfissirx li għandhom l-istess drittijet ta' dawk liċenzjati (a' fol 152C). Dan ix-xhud jgħid in kontro eżami, li l-ħaddiema awżiljari huma regolati mir-riforma tal-2007 u mhux minn din il-liġi (a' fol 166 tergo).

Min-naħa l-oħra l-Attur Steve Cauchi jgħid li bħala xufiera, kienu stmati anqas mil-liċenzjati. Dan it-trattament kien jispikka meta jintalab il-*leave*. Bħala paga kellhom inqas minn dawk liċenzjati meta dawn kien imisshom li jkunu *drivers*. Għal xogħol *extra time* l-ewwel ma kienu jkunu preferuti dawk liċenzjati hekk ukoll fil-każ tal-*over time*. Jgħid ukoll li meta bil-*legal notice* reġa' daħal il-wirt, dawn qabżu lil dawk li ilhom l-awżiljari għal aktar minn għaxar snin. (a' fol 44 u ara wkoll xhieda ta' Jonathan Spiteri a' fol 95).

Huwa sinjifikanti wkoll li Robert Vassallo għal MT jgħid, li skond id-diskussjonijiet li saru mal-UE Malta kienet obbligata tagħlaq il-wirt tal-ħaddiema tax-xatt. Dan jgħid ukoll, li Malta talbet għal deroga transitorja pero' din it-talba kienet irtirata (a' fol 59 tergo). Il-kummissjoni ddikjarat, li nnotat li Malta rtirat id-deroga "*while catering for the legitimate expectations of existing port workers"* (a' fol 63 u 114). Imma b'referenza għall-prinċipju ta' aspettativa leġittima, il-Kummissjoni qagħdet lura li tgħid għal-liema kategorija ta' ħaddiema kienet qed tirreferi, jekk hux għall-awżiljari jew għal dawk li kienu kandidati prospettivi li *ex lege* kienu intitolati li jirtu. Pero' li huwa żgur hu, li r-*reasoned opinion* tal-Kumissjoni saret wara li daħlet l-Avviż Legali 135 tal-2017 li jidher li introduċiet id-dritt tal-wirt mill-ġdid. Għalhekk irridu naraw sewwa x'tgħid il-liġi.

Skond il-Kap 171 tal-Liġijiet ta' Malta ħaddiem tal-port tfisser "*persuna impjegata f'port fl-għoti ta'servizzi ta' xorta temporanja li jinvolvu l-maniġġ ta' merkanzijafil-proċess ta' tagħbija jew ħatt ta' merkanzija għal fuq jew*

*minnfuq bastiment, minn jew għal xi post fuq l-art, persuna hekk impjegata jew awtorizzata mill-Awtorità jew hekk impjegata minnprinċipal ta' ħaddiema tal-port biex timmaniġġa merkanzija f'maħżen u persuna impjegata fil-maniġġ ta' merkanzija, li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi, minn tinda tal-merkanzija in transit jew minn munzell jew minn fuq il-moll fl-apert għal fuq vettura jew fit-tgħaqqid, fl-aggruppar jew fl-iżmuntar ta' merkanzija f'tagħbija jew minn tagħbija f'unità waħdaf'port, u 'xogħol fil-port' għandha għall-finijiet tal-Att tiftieħem skont hekk*".

Minn din id-definizzjoni huwa ċar, li l-obbligi li għandu ħaddiem tal-port huma aktar gravużi minn sempliċi *driver*, għalhekk ma jistax ikun li din il-parti tal-liġi tirreferi għall-ħaddiema awżiljari, għaliex kif rajna mill-uniku kuntratt esebit ix-xogħol tagħhom kien limitat għal sewqan. Id-differenza toħroġ ukoll mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Union konvenuta. Għalhekk f'din id-definizzjoni jaqgħu biss il-ħaddiema tal-port liċenzjati.

Issa skond L-Avviż legali 171.02, ħaddiema awżiljari tal-Port huma *"dawk il-persuni li jkunu eliġibbli jaħdmu ġewwa port bħala ħaddiema tal-port awżiljarji skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 15A"*. Għalhekk irridu nħarsu lejn dak li jiddisponi r-regolament 15A biex nifhmu sewwa sew x'inhuwa x-xogħol ta' ħaddiem awżiljari tal-Port u li fost oħrajn jgħid li "*prinċipali ta' ħaddiema tal-port jistgħu jimpjegaw persuni biex jagħtu servizzi ta' xorta temporanja li tinvolvi t-trasport ta' merkanzija f'żona portwali <u>mil-lista ta' ħaddiema tal-port prospettivi u mil-lista ta' persuni eliġibbli biex isiru ħaddiema tal-port prospettivi</u>. Meta l-għadd ta' ħaddiema*

*tal-port prospettiviu ta' persuni eliġibbli li jsiru ħaddiema tal-port prospettivi ma jkunx wieħed suffiċjenti għad-disposizzjoni ta' dawk is-servizzi, il-prinċipali ta' ħaddiema tal-port jistgħu jimpjegaw ħaddiema tal-port awżiljari, sakemm ikun hemm qbil dwar dan kollu fil-Ftehim dwar il-Livelli ta' Servizz milħuq bejn ir-rappreżentanti ta'ħaddiema tal-port u kull prinċipal ta' ħaddiema tal-port rispettivskond ma hemm provdut fir-regolament 21A".*

Minn dan ir-regolament jemerġi li fl-2007 il-leġislatur ried jiddistingwi bejn ħaddiema tal-Port prospettivi, persuni eliġibbli biex isiru ħaddiema tal-Port prospettivi u ħaddiema tal-Port awżiljari. Il-Qorti tifhem li l-Atturi jaqgħu f'din l-aħħar kategorija għaliex fl-atti minn imkien ma jirriżulta li huma fil-lista ta' dawk prospettivi jew jinsabu fil-lista ta' dawk li huma eliġibbli bħala biex isiru ħaddiema tal-Port prospettivi. Il-Qorti tosserva li s-sistena hija waħda pedantika jekk mhux ukoll barokka, iżda dik hi l-liġi.

Fid-dawl ta' dan kollu, kontinwament tissemma' li saret riforma fl-2007 b'konsegwenza ta' ftehim indikat aktar 'l isfel. Din ir-riforma kienet introdotta leġislatament bl-Avviż Legali 26 tal-2007. Għalkemm tul il-Kawża ngħad li saret minħabba t-tariffi, fir-rejalta' tgħid aktar minn hekk. Pero', qabel ma tidħol f'dan l-Avviż legali, il-Qorti jeħtieġilha li tagħmel referenza *in extenso* għar-regolament numru 15 ta' dan l-Avviż Legali li sa fejn jirrigwarda mili ta' vakanzi jgħid hekk:

*"(1) Meta l-Awtorità tiddeċiedi li għandha timtela vakanza, il-Bord għandu, fuq il-produzzjoni ta' dawk id-dokumenti u ċertifikati li jista' jeħtieġ, jirreġistra bħala ħaddiem tal-port fir-Reġistru tal-Ħaddiema tal-Port persuna*

*-(a) li tkun <u>reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Ħaddiema Prospettivi tal-Port;</u> u*

*(b) li tissodisfa l-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti rigward l-eliġibilità tiegħu jew tagħha biex tiġi hekk reġistrata:*

*Iżda meta ma jkun hemm ebda ħaddiem tal-port prospettiv disponibbli biex jimla l-vakanzi li jkun hemm <u>mil-lista ta' persuni li isimhom jidher fir-Reġistru tal-Ħaddiema tal-Port Prospettivi</u>, l-Awtorità għandha tirreferi lill-Bord dik il-persuna li isimha jkun jidher <u>fir-reġistru ta' persuni eliġibbli li jsiru ħaddiem tal-port prospettivi</u> meta jirtira jew imut l-aktar ħaddiem tal-port reġistrat anzjan u d-data ta' reġistrazzjoni ta' dik il-persuna bħala ħaddiemtal-port għandha tiġi antiċipata skond dan:*

*Iżda wkoll dik il-persuna għandha tkun tissodisfa l-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti dwar l-eliġibilità tiegħu jew tagħha li tiġi hekk reġistrata.*

*(2) Meta ma jkun hemm ebda ħaddiem tal-port prospettiv jew ebda persuna li jkollha isimha jidher fir-reġistru ta' persuni eliġibbli li jsiru ħaddiema tal-port prospettivi skond ma hemm fis-subregolament (1)(b), disponibbli biex jimlew il-vakanzi li jkunhemm, l-Awtorità għandha, bir-rakkomandazzjoni*

*tal-Bord dwar il-Ħaddiema tal-Port, toħroġ sejħa pubblika għal applikazzjonijietbiex jimtlew il-vakanzi.*

*Il-Bord għandu jimla l-vakanzi minn fost dawk l-applikanti li jwieġbu għas-sejħa sakemm dawk il-persuni jkunu jwettqu l-ħtiġiet tad-disposizzjonijiet tar-regolament 11(3) u sakemm il-ħtiġiet l-oħra dwar l-eliġibilità ta' l-individwi li jkunu qegħdin japplikaw biex jaħdmu bħala ħaddiema tal-port taħt dawn ir-regolamenti jkunu wkoll sodisfatti.*

*(3) Il-vakanzi fin-numru ta' ħaddiema, kif stabbilit minn żmien għal żmien skond ir-regolament 12, għandhom jimtlew fi żmien tletin jum mill-ħolqien ta' dawk il-vakanzi."* (emfazi tal-Qort).

Għalhekk minn dak li dan ir-regolament jipprovdi, li f'każ ta' vakanza, minħabba mewt jew irtirar ta' wieħed liċenzjat, l-ewwel ma għandhom ikunu kkunsidrati dawk li huma isimhom jidher fil-lista' ta' *port workers* prospettivi u wara dawn min minn dawk li qegħdin fil-lista ta' dawk li huma eleġibbli li jkunu *port workers* prospettivi u fin-nuqqas, tinħareġ sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet biex jimtlew il-postijiet.

Il-Qorti ħasset li kellha tieħu *judicial notice* ta' tweġiba Parlamentari li tinsab fid-dominju pubbliku. B'risposta Parlamentari fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2007, il-Ministru responsabbli ta' dak iż-żmien Censu Galea, qiegħed fuq

il-mejda tal-Kamra, il-ftehim li wassal għar-riforma tal-2007. F'dan il-ftehim, datat 30 ta' Ġunju 2007l fi klawsola 3.3 intqal hekk :

"*The the 360 licensed port workers- or such other number as determined in terms of clause 3.2 of this agreement – will be replaced as they retire or resegn or die while so lincebsed. In terms of the Regulations, vacancies will first be filled by prospective port workers, and if no such prospective port workers are available any new licensed port workers, chosen bt the Port Workers Board, througħ punlic call for vancancies issued by the MMA and provided that they satisfy the conditions laid dawn in such a call*". Sa fejn jirrigwarda l-*auxilairy port works*, bħal ma huma l-Atturi, dan l-istess ftehim fi klawsola 4.3.d jiddisponi li *"'Auxilairy port workers' shall mean such persons, <u>not being prospective port workers</u> who mat carry out the work detailed in clause 3.5 after bien certified in terms of clause 3.5*" Issa *clause* 3.5 tirreferi għal dawk li għandhom "*driving duties within the precints of the terminal*" kif jidher li għandhom l-Atturi fl-uniku kuntratt esebit.

Issa, kif jidher ċar, ġaladarba dawn il-kriterji kienu stabbiliti qabel ma ġie *in vigore* l-Avviż Legali 135 tal-2007, kontra dak li seta' wegħdhom Joe Saliba, li kien firmatarju għal dak il-ftehim, is-sitwazzjoni kienet li qatt ma kellhom garanzija li fil-każ ta' mili ta' vakanza kien imiss lilhom bi dritt li jimluha. Dan ifisser, li qal sewwa Carmelo Vella meta xehed li l-liġi, b'referenza għall-Avviz legali 135 tal-2017 "*ma kienitx timpatta fuqhom assolutament. Għax*

*jekk tohrog call ... imbagħad tista' tintgħazael u tista' ma tintgħazilx*" (A' fol 177). Għalhekk ma jistax jingħad li l-Atturi sofrew danni minħabba l-introduzzjoni tal-Avviż Legali.

Di piu', il-Qorti trid tirrileva li ma hemm ebda lok għal danni sempliċiment minħabba l-introduzzjoni ta' xi liġi. Biex ikun hekk irid, jew il-liġi tiġi mħassra għax ħażina jew minħabba li tikser xi dritt fundamentali. Issa l-kawża li għandna la hija waħda revokatorja tal-liġi u l-anqas waħda ta' natura Kostituzzjonali.

Il-Qorti għalhekk tasal għall-konklużjoni li l-Atturi ma għandhomx raġun u għalhekk anke t-tieni talba ser tkun miċħuda. Konsegwentement, ġaladarba t-talbiet l-oħra għal-likwidazzjoni tad-danni jiddependu mill-akkoljiment tat-talbiet preċedenti, li ser ikunu miċħuda, anke t-tielet u r-raba' talbiet ser ikunu miċħuda.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiddeċiedi l-Kawża billi tiċħad it-talbiet Attriċi.

Spejjes għall-Atturi.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**